# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 2**

**Citazzjoni Nru: 988/01**

**Carmelo u Helen konjugi Galea.**

**-vs-**

**Raymond Bonnici u Doris Vella.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi permezz ta' skrittura datata 30 ta' Gunju, 2000, (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bhala Dok A), l-atturi kkoncedew b' titolu ta' kera ghall-perjodu ta' tlett snin lill-konvenuti Raymond Bonnici u Doris Vella solidament bejniethom il-fond numru 379, Fleur –de- Lys Rd, B' Kara li huwa propjeta' ta' l-atturi.

Premessi illi l-konvenuti ***ai termini*** ta' l-istess skrittura kienu tenuti li jhallsu l-kera mensili ta' mija u hames Liri Maltin (Lm105), pagabbli kull xahar bil-quddiem, b' effett mill-10 ta' Lulju, 2000.

Premess illi l-konvenuti nonostante li fl-10 ta' Mejju, 2001 gew debitament interpellati permezz ta' ittra ufficcjali (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata Dok B), ghax kienu naqsu milli jhallsu zewg pagamenti mensili ta' kera, xorta baqghu inadempjenti.

Premess illi klawzola 11 ta' l-iskrittura datata 30 ta' Gunju, 2000 (Dok A) tistipula illi f' kaz illi l-inkwilini jonqsu milli jhallsu pagament wiehed ta' kera u jibqghu moruzi fil-hlas taghhom anki wara l-iskadenza ta' gimgha minn meta jkunu gew interpellati mill-propjetarju permezz ta' ittra registrata biex ihallsu, allura l-kirja tigi terminata ***ipso jure*** u ***ipso facto*** u l-inkwilini jkunu obbligati li jivvakaw il-fond minnufih.

Premess illi l-konvenuti m' ghandhomx eccezzjonijiet xi jgibu ghat-talba ta' l-atturi biex il-konvenuti jizgumbraw mill-fond numru 379, Fleur – de – Lys Road, B' Kara li huma qed jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba ta' l-atturi u dan bid-dispensa tas-smiegh kif hemm mahsub fl-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, a tenur tad-dikjarazzjoni ta' l-atturi (Dok C). u

2. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jizgumbraw mill-fond numru 379, Fleur- de- Lys Road, B' Kara u jikkonsenjaw c-cwievet ta' l-istess fond lill-atturi.

Salvi d-drittijiet kollha ta' l-atturi f' kaz li fil-fond il-konvenuti hallew id-danni u anki li f' gudizzju separate jesigu l-hlas ghall-arretrati ta' kera

dovuta kif ukoll il-hlas tal-penali li hija esegibbili skond l-iskrittura datata 30 ta' Gunju, 2000 (Dok 'A').

Bl-ispejjez, inkluzi dawk a' l-ittra ufficcjali datata 10 ta' Mejju, 2001, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet l-Avukat ta' l-atturi li nforma l-Qorti li l-konvenuti zgumbraw u hallsu u baqa' biss il-kap ta' l-ispejjez.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba ghall-ispejjez tirrizulta pruvata, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi ghall-ispejjez.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**